# IL HABIB


Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Apostolat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Luċija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea (str. Cristoforu, numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213.)

L' EŬŬEL SENA — IL ĦAMIS, L'EŬŬEL TA FRAR, 1912. — Nru. 1.


## Biex nibdeû.

Cull kalb trid oħra—ighid il Malti. U din il ħaġa inħossuha ilcoll geûûa ruħna, ghax, fil ferħ u fil ghali, dejjem nixtieku insibu *ħabib* biex nifthu kalbna mieghu. Imma il ghażla ta dan il *ħabib* jaħtieġ naghmluha b'rekka cbira, ghax mhux cull-ma ilekk deheb: u, minn xi drabi, dac li naħsbuħ *ħabib* icun l'acbar ghadu taghna.

Hemm proverbju iħor ighid: *Ma min rajtec xebbaħtec!* Imma ûieħed gharef dan il proverbju seuûieħ hecc: *Ghidli x'cotba takra u nghidlec chif taħsibha!* Difatti, bħalma il *kari ħażin* chien dejjem ittoscu tar-ruħ u tal kalb: u biħ, sa mill'ibghad żmienijet, tħassru u intilfu ghal-collox bniedmin ghorrief, li, fihom infushom, ma chienux kabel nies ħżiena: hecc ucoll il *kari tajjeb* hu l'aħjar *ħabib taghna.*

Mela, jidher ċar li, actar ma kieghda tfur id-dinja b'*gażetti* u *rumanzi ħżiena*, actar haûn bżonn li din il marda issib min ifejjakha b'kari li jiftaħ il ghajnejn, li jati gost, li biħ jistaghna il moħħ u tithenna il kalb, li collox ighallem seûûa u sa fejn hu xierak ifittex ucoll il moghdija tażżmien.

Dan hu il ħsieb li kankal il *Cumitat tal Ghakda tal Apostulat tat-Talb* biex joħroġ din il gażetta bil-Malti: u ghedna "id-dinja kieghda tfur bil kari ħażin" ghax dan il hemm cbir u din il ħsara bla-kies m'humiex haûn Malta biss, imma cull-imchien. Il ghedeûûa t'Alla u tal bniedmin ma ghandhomx pajjiż, ma ghandhomx bandiera, ħlief tax-Xitan: u jaghmlu id-deni cull fejn jistghu. Fil bliet il cbar, ilhom, bil kerk u bil cliem ħelu, bil ghideb ta cull xorta u b'cull xorta ta ûeghdiet, ixeûûxu in-nies u isaħħnu l'imħuħ, biex ibieghduhom mil Cnisja u cull triek tajjba oħra: u issa tahom ghalina ucoll.

Din il gażetta, bħalma taraû minn din l'eûûel ħarġa, ma bi ħsiebiex taghmel priedchi: m' aħniex sejjrin nimleûha bil ħajjet tal kaddisin u bl'aħbarijet tal festi: ftit minn daûn il ħûejjeġ: u maħħom cull xorta ta daûl u taghlim iħor li jisûa ghall gìd u ghall'educazzjoni tal Maltin, fuk is-snajja, fuk il cummerċ, fuk il biedja, fuk dac collu li jiġri fid-dinja, b'tiżûik tal aħbarijet ta Haûn u ta Barra, b'rumanzi tajjbin, bi ġrajja ta pajjiżna, b'moghdijet taż-żmien u b'loghob xierak---b'collox, basta tajjeb ghall moħħ u ghall kalb.

Dan hu il *Habib* li gejj iżurcom: u tistgħu tibkghu sguri li, jecc tilkghuħ u titftħu kalbcom mieghu, ma tcunux imkarrkin minnu.

**Inbiercu b' Kalbna collha il HABIB, gazetta bil Malti: u nirriccmandaûh lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduh Kalb l' insara tal Parrocci tahhom, ghax nistenneû minnu gid cbir.**

**Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.**

**✠ P. Arciskof u Iskof.**

## Niftehmu aħjar.

Il *Habib* ismu mieghu: m'hux gejj ghall ghilt u ghall ġlied: mela, il pichi ta bejn cull xorta ta partiti ma ighoddux ghaliħ: anzi, inkas irid jaf bi qŭistionijet fuk il *Chitba tal Malti*: cull-ħadd jicteb chif joghġbu, basta suret in-nies; u id-Direttur ma iŭiegebx ħlief ghal dac li jidher *bla firma*, ghax dac biss icun tieghu. Imma cull-ma jingieb haŭn ghandu icollu ħsieb tajjeb: jigifieri, l'eŭŭel-nett, ta kima lejn Alla u il Cnisja Cattolica; imbaghd, ta 'mħabba lejn Malta u id-drittijet taħħa; u, fl'aħħar, ta gid u fejda ghall Poplu. B'daŭn il pattijet, min hu dac il bniedem onest, cbir jeŭ żghir, gharef jeŭ injurant, li ma icunx irid ighinna?....

G. Muscat-Azzopardi.

## Aħbar

Il *Habib*, li m'hux ħiereġ biex iħalli il kliħ (u jecc iħalli, *imur collu ghall fkar*) jinbieħ SITT ĦABBIET — seŭŭa fit-torok u seŭŭa cull-fejn jinbieħ il *Herald*.

Min irid jissieħeb fiħ, jicteb lill'*Amministratur tieghu*, li jokghod il-Belt, strada Cristoforu, numru 174; jeŭ imur iħalli ismu ghand is-Sur *G. Muscat,* strada Mercanti, numru 48.

Il *Habib* jinbieħ ucoll ghand is-Sur Piju Borġ—haŭn, il-Belt, strada *San Giovanni*, numru 55.

## Tûissija

Daŭc li ma bi ħsiebhomx jissieħbu fil Habib, nitolbuhom ireġġghulna din l'eŭŭel ħarġa l'ura, ghall'inkas *sa nhar it-tlieta li gejjin.*

Imma, bi ħlas hecc ċchejċhen, min hu li ma jissieħebx, IMKÀR BIEX IGHIN BISS IL KARI TAJJEB?....

## Ir-Re scond il Fidi

Min m'hux nisrani, iħares lejn ir-Re u jara fiħ il bniedem l'actar cbir u kaŭŭi tan-Nazzjon, illi cullħadd ghandu bil-fors jatiħ kima u gieħ, ghaliex hu jiġbor fiħ in-Nazzjon collha u fl'isem tieghu isiru il ligijet li jorbtu il poplu collu. Iżjed; jara fiħ dac il bniedem illi hu meħtieġ biex bħala ras ighakkad il bċejjeċ collha tal gisem flimchien u iżommhom fl'ordni u fil ħajja.

Iżda in-nisrani jara iżjed fir-Re, ghaliex il Fidi tghidulu u tridu jemmnu. In-nisrani jara fir-Re dac il bniedem illi fuk l'art jidher ghall Alla fil ħŭejjeġ li imissu lill gisem, chif il Papa jidher ghall Alla fil ħŭejjeġ li imissu lir-ruħ. Ghal hecc li Spiritu is-Santu stess ighidilna, fil Ctieb tal Psalmi, illi *ir-Rejjet isaltnu fl'isem tieghu*; chelmiet illi San Paŭl missierna dejjem tenna lill'insara bi cliem iħor, meta chitbilhom illi *cull bniedem ghandu jobdi lil min jiccmanda fil gholi* u li ghandu jobdi *mhux biex jeħles il castighi, imma biex ma jidnibx*. Anzi, San Pietru, f'ŭaħda mill' Epistoli tieghu, kal iżjed, mita chiteb illi *ghandna nobdu* (u ghal hecc ucoll inħobbu) *il Capijet taghna, ghalavolja icunu ħżiena.* Dana chien, difatti, it-taghlim tal Cnisja Cattolica lill'insara sa minn dejjem, u ŭieħed mis-Santi Padri taħħa ħalla mictub illi *mhux ghalxjen*

melu Agius, lis-Surgenti Censu Apap u Bertu Zammit u lil Giorġ Lopez, tmunier tal Gvernatur;

f) ħa b'id Toni Dingli, Paŭlu Bonnici, Toni Schembri u is-Sur Ġużè Vassall (li tressku kuddiemu mil Gvernatur, l'eŭŭel tnejn ghax taŭ xhieda ta curaġġ u ħila cbar, it-tielet bħala Suldat mill'ixjeħ u is-Sur Ġużè Vassall bħala ŭieħed mill'actar anzjani fost l'Impiegati tal Gvern) u kalilhom li *ħa gost jarahom ŭiċċ imb'ŭiċċ*;

g) u icconsinna lill Cmandatur Howard, bħala President tal Banda *La Vallette*, stendard sabiħ, li neŭŭillu li stess Gvernatur, biex dic il Banda tibka iżżommu bil ghożża li tixrak lil rigal gejj minn idejn ir-Re.

Ir-Re tà ħafna onuri oħra lill Gvernatur, lis-Segretarju Principal, lill'Armiralli Ingliżi u Francisi u lil cbarat oħrajn, tal art u tal baħar: imm'aħna ridna insemmu biss il Maltin.

Nifirħu bil-kalb lil cull-ħadd.

T. Borg.

## Kuddiem Xbieħa tal Madonna

Hecc cont sabiħa meta rajtec darba
F'ħolma, fil hena taż-żghurija tieghi:
Cont rieked ŭaħdi f'sodda ċhejcna, mŭarrba,
U Int mis-sema inżilt u kaghdt ftit mieghi.

Sbiħ il jum, ghjeb ix-xemx, flimchien imxierca,
M'ghandhomx leŭn ħelu bħal ŭardiet ħaddejc:
Tisbok cull dija tas-smeŭŭiet, o imbierca,
Il leħħa irżina minn ta ħbub ghajnejc.

Ŭarda li tbexxak fiż-żernik ta Mejju
Tixbaħ id-daħca ta xufteje, Ħanina,
Fil ħin li mieghec tħaddan, tfajjel ħlejju,
Il cbir Feddej, li bata u miet ghalina.

Ghajnejħ micsura f'naghsa ħiemda, iserraħ
Gesù fuk sidrec ir-ras tieghu żghira,
Minn kalbu ghal kalbec gid is-sema iferraħ....
Ma dŭarec l'anġli b'kima iħarsu u b'ghira.

Imbierca l'id illi pingietec! Dija
Serket lill cŭiecheb, ġmiel lil ŭard tal ġonna,
U biħ libbsitec, o b'cull ħajr mimlija,
Sultana tas-smeŭŭiet, ħelŭa Madonna.

Hecc cont sabiħa, jen niftacar seŭŭa,
Meta fil ħolma ta żghuriti ilmaħtec:
T'ghajnejc, ta fommoc chienet din il ħleŭŭa:
U jen f'imħabbti bl'isem t'Omm sejjaħtec.

Prof: Dun Carm Psaila.

11 - 1 - 12.

## Ghaliex,

meta fil Cnejjes icun hemm l'*Esposizjoni tas-Santissimu*, ma jindakkux kniepel ŭakt is-Sanctus u l'Elevazjoni?

*Risposta* — Ir-ragjuni li ghaliha il Cnisja ma tippermettix li jindakku il kniepel ŭakt is-*Sanctus* u l'*Elevazjoni* fil kuddies, seŭŭa jecc icun cantat u seŭŭa jecc sollenni, chif ucoll meta icun baxx, hi ħaġa l'actar naturali u maghrufa minn cullħadd; ghalchemm mhux cullħadd, anzi ŭisk ftit, ikisuha. Fil kuddiesa, meta ma icunx hemm l'Esposizjoni tas-Santissimu, il poplu li icun kieghed jismaħa, jista jibka bil-kieghda sachemm is-Sacerdot ighid il *Prefazju*, jeŭ, biex niftehmu aħjar, sachemm min icun ked' ighin il kuddiesa igharraf bi ftit tocchi li il kassis ŭasal fis-Sanctus. Hemm il poplu li icun jismaħħa u dac stess li icun ighin il kuddiesa ghandhom jixteħtu ghar-rcupptejhom u jibkghu sa chemm il kassis isumi id-demm, jigifieri sa chemm is-Sacerdot jitkarben bit-tieni speci u icun sejjer jieħu l'inbid biex jippurifica il Calci. Infatti, jecc tosservaŭ, mis-*Sanctus* sal Elevazjoni tal kuddiesa cantata, daŭc li icunu fil Cor collha jokoghdu ghar-rcupptejhom u imbghad jibkghu bil-ŭiekfa sal *Comunjoni*. Issa, meta fil Cnisja hemm espost Gesù Sagramentat ghall kima tal insara, daŭn ŭakt il kuddies ghandhom proprjament jokoghdu ghar-rcupptejhom mill'eŭŭel sal aħħar u ħadd ma ghandu ikum ħlief mill'Evangelju sa x'ħin is-Sacerdot icun sejjer joffri l'ostja u il calci u imbghad ŭakt l'Evangelju tal aħħar. Minn dan cullħadd jara ċar li il kampiena ma ghandhiex x'taksam fil kuddiesa meta fil Cnisja hemm l'Esposizjoni. Nisthu nghidu, però, li mhux biss in-nies ma jokoghdux ghar-rcupptejhom ŭakt l'Esposizjoni, imma il kampiena ghall xejn tistiedinhom fis-Sanctus, meta Gesù Cristu m'hux espost sollennement; ghaliex ħadd ma jisma ħlief it-tocchi ta kabel l'Elevazjoni il proprjament tindakk biex tavża lil min kieghed jisma il kuddiesa li il kassis sejjer jistiedinhom biex flimchien mieghu jaduraŭ il Gesù Sagramentat.

Ŭieħed jista verament isib tkil illi jokghod ghar-rcupptejħ il ħin collu tal kuddiesa meta hemm l'Esposizjoni, u aħna natuħ ragjun; imma jidhrilna li ħadd, ghall'ebda ragjuni, ma ghandu jaħmel li jokghod bilkieghda. Hija prudenza cbira illi dac li icun jitŭarrab fil genb, jokghod taħt in-navi, meta l'Esposizjoni hi fil Maggjur; insomma li jaghmel b'mod li bl'imgieba tieghu fil Cnisja, jecc ma icunx ta esempiu, ma jatix scandlu lill'oħrajn. Imma li ŭieħed ma jistax jokghod ghar-rcupptejħ ghal seŭ-seŭ sitta jeŭ seba' minuti—meta mhux inkas— jigifieri mis-Sanctus sal Comunjoni, hija scuża ŭisk goffa biex ŭieħed igerraħħa, jecc naħsbu fil loc u fil ŭakt li fiħ incunu ninsabu.

Dun Ġŭann.

AKRAŬ: «*Omm tas-scŭ u Omm taparsi*»
Rumanz mill'isbaħ: jibda fit-tieni numru.

## PATRI VELLA

Daks sentejn ilu, bejn ŭieħed u ieħor, ftit min-nies, mhux actar minn tmienja, jena chelli ix xorti incun ŭieħed minnhom, bdeŭ jiltakghu fl'oratorju ta San Flippu fil Cnisja tal Geżŭiti tal Belt, biex jitchellmu fuk dac li tista taghmel ghal gid tarruħ u tal gisem l'opera tal Apostolat tat-Talb, imŭakkfa, chif kalb popoli oħra, f'pajisna ucoll. Dac li ġabar daŭn l'erba minnies chien il Geżŭita Patri Michiel Vella, li deherlu li chien possibbli li f'Malta, chif f'paijsi oħra, iŭakkaf opera li isseħħ, li ticber, u li tcun ta gid materjali u spiritŭali ghal pajjisu. Ma riedx ŭieħed jicsirlu kalbu, ghal-hecc ħallejnieħ ighid u jaghmel minghajr xejn ma fixchilnieħ; anzi tajnieħ dakka ta id ucoll mill'aħjar li stajna. L'actar li ħadmu fost tal eŭŭel chienu Monsinjur Canonicu Dun Paŭl Galea, il Commendatur Antonju Lanzun, is-Sur Walter Agius, is-Sur Giorġ Peralta u il Cavalier Robert Balbi. Imma jena stess cont l'eŭŭel ŭieħed li ktajt kalbi u li deherli li Patri Vella chien sejjer jibni fuk it-tafal, ghaliex l'opera tieghu chellha tmut f'kasir żmien u forsi bil chemm tilħak titŭieled. Ma chienx hecc: Patri Vella, mimli bil Fidi, deher kaŭŭi daks sur, u ma contx tisma f'fommu ħlief il chelma tal fiducja fil Kalb ħanina ta Gesù. U bil fidi kaŭŭia tieghu, bit-tama ħajja li chellu f'Alla, b'dic il ħrara li kanklet il Giovanni Bosco, il Ludovico da Casoria u il Bartolo Longo; b'dina il fiducja Patri Vella rebaħ. L'opera tal Apostolat tat-Talb, taħt forma ta opera ta beneficenza, ghadd iet il-kuddiem, ġabret il flus ta eluf biex terfaħħomlhom u tatihom li mghax fukhom, fetħet idejha mal fokra, kassmet ħobż bil knatar u lesta biex b'cull mod tghin il fokra, tghin il Maltin. Patri Vella jinsab illum irtirat, ghax marid, fil Culleġġ ta San Lŭigi, f'Birchircara; imma l'opera tieghu seħħet u chibret. L'isem tieghu, isem ta veru benefattur tal Maltin, bħal daŭc ta Fra Diegu u tal Canonicu Bonnici, ghandu jibka mictub b'ittri tad-deheb fil menti u fil kalb taghna, ghaliex hu ghallimna x'tisŭa il fiducja f'Alla, u chemm miraculi taghmel il Kalb ħanina ta Gesù, ma daŭc li ighidulha: *Cor Jesu dives in omnes qui invocant te, miserere nobis.*

Ed. Asciak Mifsud P. L.

## IL-HOLKIEĦ

L-ART

Il bniedem hecc ċchejchen ħdejn l-art li fukha jghammar, muaħħal, biex inghid hecc magħħa li l-medda li jaħchem b-ghajnejħ minnha ma hi xejn hdejn il cobor immens tagħħa, dam eluf ta snin ma ntebaħ li d-dinja hi tonda ghamla ta larinġa. Boghod imbaghad il miljuni ta mili minn daŭc li nsejħulhom cuiecheb, dam daks hecc ieħor ma fehimha li ŭaħdiet minn daŭc il cuiecheb huma dinjet bħal din li nghammru fiha u l-oħrajn, li jinghaddu bil miljuni, huma xmux daks taghna u acbar; u ma chienx gharef bil ftit l-eŭŭel ŭieħed li kal li bin-nhar is-sema hu micsi bil cuieceb bħal bil-lejl.

L-eulenin nies chienu jaħsbu li d-dinja hi bħal mejda tonda bil ŭiċċ tagħħa mmeŭŭeġ imħabba l muntanji, l-ibħra u il uidien. Għal żmien li il bniedem chien ikis l-art imdaŭra b-ilmijiet li l-moħħ tal bniedem ma juassalx li jifhem ta liema medda huma, medda li tibka tinfirex sachemm jakkdu ħaġa uahda massema; u li din l-art ghamla ta mejda tonda, kieghda bħala ġzira hierġa minn geŭŭa l-ilma minn kiegħ il Hokien jeu kisha bastiment bla ma jitharrec f-uiċċ l-ilma. Hecc chienu ipinġuha

